9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 2, miżmuma nhar it-Tnejn 08 ta' Lulju 2019 fis-6 pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fis-Sitta ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Daryl Connor Viċi Sindku
- Graziella Galea Kunsillier
- Carlos Zarb Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier

Membri Skużati:

- Anne Marie Fenech Kunsillier

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Sandra Grech

Is-Sindku Alfred Grima fetaħ il-Laqgħa fis-sitta.

**2.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Il-Kunsillier Anne Marie Fenech tinsab skużata minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**2.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti - Laqgħa (1)**

a) Paġna 3, punt 4 – Il-Kunsillier Paul Bugeja ssuġġerixxa li titneħħa kull referenza politika. Għaldaqstant kellha ssir emenda ''Il-Kunsilliera fil-maġġoranza aċċettaw responsabilitajiet li ġew mogħtija''. Il-Kunsill approva.

b) Paġna 3, punt 4 - Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet emenda ''Il-Kunsilliera fil-minoranza nformaw li r-responsabilitajiet mogħtija jiġu 'kkunsidrati wara li l-grupp tal-Kunsilliera fil-minoranza jingħataw ir-responsabilitajiet skond kif titlob il-liġi''. Il-Kunsill approva .

ċ) Paġna 3, punt 6 – Wara l-kelma "anness" jiżdied "li ressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill". Il-Kunsill approva.

d) Paġna 3, punt 6 - Tinqata s-sentenza li tibda "Segretarju" sa "Pubbliku". Il-Kunsill approva.

e) Paġna 2, dokument B, l-ewwel paragrafu ( Azzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni tal-Kunsill ) - Jiżdied "il-Kunsill approva uninament''.

e1) Paġna 2, dokument B, it-tieni paragrafu ( Azzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni tal-Kunsill ) – Il-Kunsill ma qabilx.

**2.3 Punti mill-minuti**

Karigi – Is-Sindku preżenta ittra ta' risposta għal dik mibgħuta lid-Direttur, kif ukoll preżenta lista aġġornata tal-karigi kif tqassmu ( dokumenti annessi ).

Il-Kunsillier Graziella Galea informat li l-Kunsilliera fil-minoranza ser jistennew kjarifika mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-kariga "Komunitajiet".

Skart – Il-Kunsill ġie nfurmat li fit-08 ta' Lulju 2019 beda is-servizz ta' ġbir ta' kartun mill-istabbilimenti kummerċjali.

**2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

a) Il-Kunsill ġie nfurmat bir-riżenja ta' skrivana. Fuq talba ta' diversi Kunsilliera kien hemm qbiel li l-iskrivana konċernata tintalab spjegazzjoni bil-miktub mis-Segretarju Eżekuttiv għal dan peress li saru diversi riżenji fl-aħħar perjodu, sabiex jekk il-Kunsill qed jagħmel xi ħaġa ħażina fil-konfront tal-impjegati, il-problema tissolva.

b) Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €2,171.20 għas-servizz ta' immaniġġjar tat-traffiku fil-jiem tal-Festa ta' Marija Addolorata Sultana tal-Martri.

ċ) Il-Kunsill approva li l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Pink October 2019. Ġew issuġġeriti l-Pjazza ta' Burmarrad u l-Pjazza ta' Buġibba. Il-Kunsill approva. Il-Viċi Sindku Daryl Connor għandu jieħu ħsieb il-preparamenti neċessarji.

d) Ġiet approvata l-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-inizzjattiva imtella' minn Wasteserv Malta Limited European Week For Waste Reduction. Din ser tittella' bejn is-16 u 24 ta' Novembru 2019. Il-Kunsillier Stephen Cremona ġie mogħti d-dokumenti relatati.

e) Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, iċ-Ċirkolari LC Care Project Grant Support Scheme dwar proġett ta' kura tal-annimali fil-komunita'. Il-Kunsill qabel li japplika u d-dokumenti jiġi mgħoddija f'idejn il-Kunsillier Anne Marie Fenech.

f) Film Grain Foundation kitbu sabiex jitolbu permess biex jinġibdu xi xeni fil-lokalita'. Intalbu jipprovdu dati u siti speċifiċi. Ġie ssuġġeriet li jekk din il-fondazzjoni sejra tagħmel xi qliegħ finanzjarju, għandu jsir il-ħas relatat. Il-Kunsill approva.

ġ) L-Awtorita tal-Ippjanar eseġit lil Bognor sabiex iġib il-kunsens tal-Kunsill biex jagħmel tiswijiet fil-platform tal-konkos u *slipway*. Il-Kunsill kellu jistaqsi dwar x'titlu għandhom fuq din l-art. Jidher li tali informazzjoni ma ġietx mistoqsija u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel dan. Il-Kunsill qabel li tinżamm spezzjoni mill-Kunsilliera fuq il-post. Il-Kunsillier Mario Salerno qal li minn informazzjoni li għandu dan ix-xogħol diġa sar.

ħ) Appell 00234/19 Applikazzjoni ta' żvilupp PA 02652/18 tal-Awtorita tal-Ippjanar dwar propjeta' privata fi Triq San Ġorġ. Il-Kunsill ma ħassx li għandu jappella billi

jirreġistra l-interess tiegħu kontra dan l-iżvilupp għaliex dan relatat ma żvilupp fil-privat.

i) Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill imejl mibgħuta mis-Sinj. Karen Tanti fejn biha qegħda tesiġi li tinżamm laqgħa bejn il-Kunsill u r-residenti nhar it-18 ta' Lulju 2019 fis-6pm. Il-Kunsill unanimament qabel li tali residenta għandha tiġi nformata li ser tinżamm Laqgħa Annwali li għaliha tista tattendi u twassal l-ħsibijiet tagħha.

j) Saret applikazzjoni biex titħaffer trinka (RWP1-1228/19 N/S) fi triq fil-Qawra li għadha mingħajr isem. Kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ *No Objection* ġaladarba l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu ma ssib l-ebda oġġezzjoni.

**2.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma ġiet preżentata ebda mistoqsija.

**2.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

**Pagamenti Nr. 495 sa 507 – *Claims*** - Dwar l-iskeda ta' pagamenti nġibdet l-attenzjoni għall-ħlasijiet li diġa' saru fuq klejms ta' ħsarat ta' vetturi li jaqbżu l-ammont miftiehem ta' €250 meta d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li għandha tiġi kkonsultata l-Kumpanija tal-assigurazzjoni tal-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat li dan sar u l-imejl relatata ser tkun mgħoddija lill-Kunsilliera.

**Vot biex ikunu approvati l-pagamenti minn Nr. 479 sa Nr. 507 :** ( diġa mħallsin )

Favur: Is-Sindku Alfred Grima u l-Kunsilliera Paul Bugeja, Stephen Cremona, Graziella Galea, Antoinette Bezzina, Anthony Delia, Charles Vella Petroni, Anthony Attard.
Kontra : Ħadd.
Astensjoni : Il-Viċi Sindku Daryl Connor u l-Kunsilliera Carlos Zarb, Mario Salerno u Alfred Bray.

l-Kunsillier Graziella Galea ivvotat kontra rigward il-pagament Nr.479.

**Pagamenti Nr. 538 sa Nr. 554b :** Approvati bi qbil unanimu.

**Pagament Nr. 555 – Bad Boy Cleaning Services Limited**
Favur : Ħadd.

Kontra : Il-Kunsillier Paul Bugeja.
Astensjoni : Il-kumplament tal-Kunsilliera preżenti

**Pagamenti Nr. 556 sa 562k**
Favur : Is-Sindku Alfred Grima, il-Viċi Sindku Daryl Connor, u l-Kunsilliera Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Attard, Antoinette Bezzina , Graziella Galea, Anthony Delia u Christopher Vella Petroni.
Kontra : Ħadd.
Astensjoni : Il-Kunsilliera Mario Salerno, Carlos Zarb u Alfred Bray

**Pagamenti Nr. 563 sa 596**
Favur : Is-Sindku Alfred Grima, il-Kunsilliera Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Attard, Antoinette Bezzina , Graziella Galea, Anthony Delia, Christopher Vella Petroni.
Kontra : Ħadd.
Astensjoni : Il-Vici Sindku Daryl Connor u il-Kunsilliera Alfred Bray, Carlos Zarb u Mario Salerno.

**Pagamenti Nr. 597 – Paramount Coaches**
Il-Kunsillier Stephen Cremona iddikjara kunflitt ta' interess.
Favur : Il-Kunsilliera Paul Bugeja, Anthony Attard, Antoinette Bezzina, Anthony Delia u Christopher Vella Petroni.
Kontra : Ħadd.
Astensjoni : Is-Sindku Alfred Grima, il-Vici Sindku Daryl Connor u l-Kunsilliera Carlos Zarb, Mario Salerno, Alfred Bray u Graziella Galea.

**Pagamenti Nr. 598 sa 606**
Favur : Is-Sindku Alfred Grima, il-Kunsilliera Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Attard, Antoinette Bezzina , Graziella Galea, Anthony Delia, Christopher Vella Petroni.
Kontra : Ħadd.
Astensjoni : Il-Viċi Sindku Daryl Connor, il-Kunsilliera Alfred Bray, Carlos Zarb u Mario Salerno.

**Pagament Nr. 607 – SMM Group** – Il-Kunsill oġġezjona sakemm tinġab kjarifika mid-Dipartiment.

Is-Sindku Alfred Grima semma li ftit xhur ilu diġa' kien hemm pagament mill-istess u tħallas għalkemm ma kienx hemm qbil.

**Pagamenti Nr. 608 sa 615**

Favur : Is-Sindku Alfred Grima, il-Kunsilliera Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Attard, Antoinette Bezzina , Graziella Galea, Anthony Delia, Christopher Vella Petroni.

Kontra : Ħadd.

Astensjoni : Il-Viċi Sindku Daryl Connor, il-Kunsilliera Alfred Bray, Carlos Zarb u Mario Salerno.

**Pagamenti Nr. 616 – 616c- Veladrians Cleaning Service Co. Limited**

Il-maġġoranza tal-Kunsill oġġezzjona għal dan il-pagament u kien hemm qbil unanimu li għandu jintbgħat rapport lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**Pagamenti Nr. 617 – Waste Collection Limited**

Approvati bi qbil unanimu.

**2.7 Awditjar Finanzjarju**

Il-Kunsill approva li għandu jsir awditjar finanzjarju minn kumpanija privata.

**2.8 Servizz ta' żamma u manteniment ta' Latrini Pubbliċi - Tender skadut**

Tqajmet il-mistoqsija jekk il-membri ta' l-aġġudikazzjoni ta' l-offerti ltaqawx. Ir-risposta kienet fin-negattiv. Il-Kunsill unanimament qabel li din l-offerta terġa tiġi evalwata mill-membri l-ġodda fuq tali bord.

**2.9 Ħaddiema Klerikali - Ingaġġ ta' Ħaddiema**

Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni allarmanti ta' nuqqas ta' ħaddiema klerikali fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Ġie deċiż li tinħareġ sejħa oħra għall-ingaġġ ta' skrivani sabiex it-total jitla' sa' tmienja.

**2.10 Servizz ta' knis - *Tender* skadut**

Il-Kunsill ġie notifikat dwar l-istadju li fih waslet is-sejħa tal-offerti tal-knis.

**2.11 Servizz ta' qtugħ ta' ħaxix minn toroq urbani - *Tender* skadut**

Il-Kunsill ġie notifikat li t-*tender* ta' qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani huwa skadut.

**2.12 Applikazzjoni ta' żvilupp - PC 00019/19**

Rigward PC 00019/19 il-Kunsill unanimament qabel li joġġezzjona għal din l-applikazzjoni, kemm il-darba l-policy ta' 2006 ma nbidlitx.

**2.13 Sejħa pubblika - Kariga Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa pubblika.

**2.14 Ħatra ta' rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat Reġjun Tramuntana**

Is-Sindku propona li r-rappreżentant jkun l-Viċi Sindku Daryl Connor. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**2.15 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss.**

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2019 fis-6.00pm bi qbil unanimu.

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ___________________ | ________________________ |
| Alfred Grima | Sandra Grech |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |